**Bħal-lum**

Bħal-lum ta' tifel ċkejken
Kelli biss dawk is-sentejn,
Malta ġiet repubblika
B'sagrifiċċji w dmugħ l-għajnejn.

Dil-festa kibret miegħi
Saret hekk importanti,
Li mal-medda ta' ħajti
Ġraw ġrajjiet eċitanti.

Niftakar tant snin ilu
ferħana niżirgħu l-qamħ,
li mal-ġulbiena jsebbaħ
lill-Bambin tal-ġibs fil-baħħ.

Ma' tal-Mużew kemm konna
Nagħmlu grotti w presepji,
B'dik ix-xemgħa w l-kannella
Imċappsin kollna rexti.

Imbagħad partita futbol
Jiġu l-aqwa timijiet,
Biex jilgħabu hawn fostna
Ipaxxuna bil-wirjiet.

Inkella l-abbatini
Jorganizzaw il-ħarġa,
Addijo dak l-islipper
Kien jinbarax mat-tarġa.

Ommi twissini: "Tixrobx
l-ilma kiesaħ kif tintemm,
il-logħba għax tieħu riħ
u bid-deni tibqa' hemm".

'Mma jien kont nixrob naqra
Biex nitrejjaq għax bil-għatx,
Għax naqra ilma friska
Kemm fawritni bil-kuraġġ!

Passiġġati, żjajjar sbieħ
Għalija jfisser dal-jum,
Issa ta' Patri mżaqqaq
Għal arti nitlob kuljum.

Patri Mario Attard OFM Cap

13 ta’ Diċembru 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.